8 ta' Novembru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Reginald G. Miller *versus* Harold Scorey

**Libell — "Fair Comment" — Verità tal-Fatti.**

*F'materja ta' inġurja bl-istampa, għandha ssir distinzjoni bejn dak li hu "allegation of fact" u dak li hu "comment".*

***Biex tirnexxi d-difiża tal-verità tal-konviċju, il-fatt għandu jiġi pruvat.***

*Il-"comment", biex ikun ġustifikat, jeħtieġ li jkun "fair and bona fide"; u ma jistax ikun "fair and bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma hux veru.*

Dan hu appell tal-kwerelat minn sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-5 ta' Settembru 1952, li biha l-imsemmi Scorey ġie misjub ħati, fuq kwerela ta' l-imsemmi Miller, talli, bħala editur tal-ġurnal "The Bulletin", f'artikolu iffirmat minn "G.W.U. Member", u intitolat "Can Mr. Miller Explain?", li jibda bil-kliem "There are strong rumours..........." u jispiċċa bil-kliem "...........and Malta's history", li deher fin-numru tas-Sibt, 29 ta' Marzu 1952, 7179 (weekly no. 411), fl-ewwel kolonna, fil-paġina erba' ta' l-is-

tess gurnal, stampat fil-Lux Press, il-Hamiun, u hemm u f'postijiet oħra ċirkulat, inġurja lill-kwerelant billi attribwielu fatti determinati bl-iskop li joffendilu l-unur u l-fama tiegħu u jesponih għar-ridikolu u għad-disprezz tal-publiku, u ġie kundannat għall-piena tal-multa ta' £5 u għall-ispejjeż kollha;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Żewġ eċċezzjonijiet ġew sollevati mill-kwerelat: dik tal-"*fair comment*", u *dik tal-verità tal-fatti;*

Għandha ssir, s'intendi, distinzjoni bejn dak li huwa "allegation of fact" u dak li hu "comment". Biex tirnexxi d-difiża tal-verità tal-konviċju, il-fatt għandu jiġi pruvat — din hija l-"plea of justification". Il-"comment", li skond l-Odgers (On Libel and Slander, 6th. edit., page 161), hu "the expression of the judgment passed upon certain alleged facts by one who has applied his mind to them, and who, whilst so commenting, assumes that such allegations of facts are *true", biex ikun ġustifikat, jeħtieġ li jkun* "fair and bona fide";

Għandu jiżdied illi l-falsità tal-kliem inġurjużi hija preżunta favur il-kwerelant (ara App. Krim. "Pulizija vs. Scerri", 16. 12. 1946);

Issa, hu ċar mill-provi li l-"justification" li ttanta jagħmel il-kwerelat ma rnexxietx. Din il-"justification" għandha tkun "as broad as the charge". Infatti, meta wieħed iqis l-artikolu kollu kemm hu fil-kumpless tiegħu, u jqis, kif għan*du jagħmel, dak li jkun fehem min jaqra l-artikolu inkrimi*nat, għandu jara illi l-artikolista kien qiegħed jattribwixxi lill-kwerelant li, non ostanti ftehim ta' "exchange of programmes" mal-Malta Labour Party, in konnessjoni ma' li strike tal-ħaddiema tad-Dockyard, huwa żamm il-Gvern, il-Partit Nazzjonalista u l-Partit tat-Tabib Boffa infurmati b'dak li kien qed isir, partikolarment għar-rigward tad-deċiżjoni tat-twaqqif ta' li strike, mentri ma wera b'xejn lill-Malta Labour Party — liema allegazzjoni ma ġietx affattu pruvata;

*Huwa ovvju li din l-allegazzjoni hija inġurjuża għall-kwe*relant, għaliex qiegħda timputalu dak li komunement jissejjaħ "double dealing", molto pjù meta wieħed jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu ta' fiduċja. La l-fatt ma hux veru, allura

l-"comment" ma jistax ikun "fair and bona fide"; għaliex anqas affattu "honest" il-komment ta' ipokrisija inkorporat fil-kliem ta' l-artikolu "the mask of hypocrisy must be removed once and for all", meta bl-ebda mod l-addebitu ta' ipokrisija ma jista' jiġi kunsidrat "a reasonable inference" tal-fatti li rriżultaw, li huma sempliċement dawk li, wara li spiċċa li strike, ġew infurmati l-Prim Ministru u l-Ministru tax-Xogħol, kif ġew infurmati awtoritajiet oħra;

In kwantu għall-prova li l-kwerelat ried jagħmel billi jistaqsi lill-Onorevoli Prim Ministru jekk il-kwistjoni ta' li strike ġietx diskussa fl-Eżekutiv, hu ċar li l-eżenzjoni mitluba mixxhud hi ġustifikata minħabba s-sigriet "ratione officii";

Għalhekk il-Qorti, prevju r-rigett tal-prova b'dik id-domanda, tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-kwerelat u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra tiegħu. Onorarju tad-difensuri 12s. għas-seduta tal-11 ta' Ottubru 1952. u 10s. għal dik tal-lum.